22 ta' Novembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Josephine Caruana *versus* Walter Attard

**Board tal-Kera — Sentenza — Nullità — "Audi Alteram Partem".**

*Id-deċiżjonijiet tal-Board tal-Kera ma humiex appellabili ħlief meta jiġi mogħtugħ punt ta' dritt. Meta ma hemmx dan il-punt ta' dritt, u għalhekk ma jkunx hemm appell statutorju minnhom, dawk id-deċiżjonijiet huma sindakabili mill-Qrati ordinarji biss, sabiex it-tribunali ordinarji jikkontrollaw eċċess ta' ġurisdizzjoni u jinforzaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' ġustizzja naturali.*

*Meta sentenza tiġi mogħtija bi vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, dik is-sentenza hija nulla; u fost dawn il-prinċipji hemm dak importantissimu "audi alteram partem".*

*Għaldaqstant, jekk il-Board tal-Kera jagħti d-deċiżjoni meta l-membri tekniċi jkunu aċċedew fuq il-fond għall-ispezzjoni tiegħu mingħajr ma jkunu avżaw lil xi waħda mill-partijiet biex tintervjeni, jekk trid, f'dak l-aċċess, hija nulla.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-20 ta' Gunju 1951, fuq rikors fl-ismijiet fuq imsemmija, il-kera tal-fond nru. 11 St. Monica Street, Pawla, ġie fissat għal £10 fis-sena; u illi, meta l-membri tekniċi tal-Board marru jispezzjonaw il-fond fuq riferit għall-fini tal-fissazzjoni tal-kera xieraq, hija ma ġietx infurmata b'dana l-aċċess kif isir

is-soltu, u l-membri teknici hadu l-informazzjonijiet meħtieġa, mingħajr ġurament, minn għand il-konvenut biss; u illi fil-fatt il-kera fissat mill-Board huwa inadegwat, għaliex il-fond għadu kif ġie rinnovat, mentri fondi viċini ta' dimensjonijiet iżgħar, u li jinsabu fi stat mhux paragonabili għal dak in kwistjoni, qegħdin iġibu kera aqwa minn dak fissat mill-Board għall-fond tagħha; u illi fil-fatt tan-nuqqas ta' notifika lilha ta' l-imsemmija ispezzjoni, u minħabba l-konsegwenti informazzjonijiet meħuda unilateralment mill-inkwilin, għandha tiġi ravviżata vjolazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali, u għalhekk dina l-Qorti hija kompetenti li tissindaka, in bażi għall-ġurisprudenza reċenti, id-deċiżjoni tal-Board li biha ġie stabbilit il-kera xieraq; talbet li tiġi dikjarata nulla d-deċiżjoni tal-Board fuq riferita, u dana minħabba li avverat ruħha vjolazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali fis-sens fuq espost, u li konsegwentement l-inkartament tar-rikors fuq riferit jiġi rinvijat lill-Board sabiex dak it-tribunal jittratta u jiddeċidi mill-ġdid fuq il-"quantum" tal-kera xieraq li għandu jiġi stabbilit, wara li jiġu mill-ġdid avżati bl-ispezzjoni tal-fond il-partijiet interessati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel pont li għandu jiġi assodat f'dina l-kawża huwa dak jekk il-Qrati ordinarji, bħalma hija din il-Qorti, jistgħux jissindakaw deċiżjoni tal-Board li jirregola l-Kera;

Illi skond l-art. 24 u 25 ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (nru. XXI ta' l-1931), id-deċiżjonijiet tal-Board fuq imsemmi jittieħdu b'maġġuranza ta' voti, għandhom jiġu mogħtijin mill-Qorti bil-miftuħ, u ma hemmx appell minnhom ħlief fuq pont ta' liġi maqtugħ mill-Board; liema appell jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re b'rikors fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-Board tkun ingħatat;

Illi mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati jidher biċ-ċar illi deċiżjoni ta' dak il-Board mhix sindakabili in vija ta' appell minn dik id-deċiżjoni, meta biha ma jiġix maqtugħ pont ta' liġi, u għalhekk għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk f'dawn il-każijiet, jiġifieri meta s-sentenza tal-Board mhix sindakabili in vija ta' appell, għaliex ma jkunx hemm pont tal-

liġi maqtugħ mill-Board, hemmx jew le l-poter tal-Qrati ordinarji li jissindakaw dik is-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi ma hemmx dubju li l-funzjonijiet tal-Board li jirregola l-Kera huma ġudizzjali, għaliex jimplikaw anki deċiżjonijiet ta' punti kontestati u deċiżjonijiet fejn il-liġi tiġi applikata għall-fatti riżultati; u allura dik id-deċiżjoni hija bilfors proċess ġudizzjarju. Barra minn dan, dak il-Board huwa presjedut minn wieħed mill-Imħallfin tal-Maestà Tiegħu r-Re jew minn Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja; għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili lill-Prima *Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re; u l-eżekuzzjoni* tad-deċiżjonijiet tiegħu tmiss lilu stess bil-mod stabbilit mill-Kodiċi ċitat; u għandu bħala Reġistru tiegħu l-istess Reġistru tal-Qorti (art. 17 (a), 21 u 23, Ordinanza ċitata). U l-istess liġi ssemmieh Qorti, meta fl-art. 25 ta' l-istess Ordinanza ċitata tgħid li d-deċiżjoni tingħata "fil-Qorti bil-miftuħ". Dawn huma provi oħra li l-funzjonijiet tal-Board huma ġudizzjali, u li huwa tribunal speċjali;

Illi ġie bosta drabi ritenut mill-Qrati Tagħna illi d-deċiżjonijiet ta' tribunali speċjali tali, meta ma hemmx appell statutorju minnhom, jistgħu jiġu sindakati mit-tribunali ordinarji; imma "biss" sabiex dawn it-tribunali ordinarji jikkontrollaw eċċess ta' ġurisdizzjoni u jinfurzaw l-applikazzjoni tarregoli tal-ġustizzja naturali. Din il-Qorti, għalhekk, għandha s-setgħa li tissindaka d-deċiżjoni mpunjata tal-Board fuq imsemmi, jekk ikun hemm, kif l-attriċi tippretendi, xi vjolazzjoni ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali. Ċertament wieħed ma għandux jirritjeni—għaliex ikun qiegħed jattribwixxi ħsieb inġust lill-leġislatur—illi l-leġislatur, *meta kkonċeda l-insemmi* appell minn punti ta' dritt mogħti mill-Board, ried li b'hekk jeskludi l-poter tal-Qrati ordinarji li jissindakaw id-deċiżjonijiet tal-Board għal dak li jirrigwarda eċċess ta' ġurisdizzjoni u vjolazzjoni ta' regoli ta' ġustizzja naturali;

Illi ġie wkoll bosta drabi ritenut mill-istess Qrati Tagħna illi hemm vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali meta tiġi vjolata r-regola importantissima "audi alteram partem": liema regola għandha tiġi osservata, u n-nuqqas ta' l-osservanza tagħha mit-tribunali speċjali ġġib li l-Qrati ordinarji jis-

tgħu jindaħlu. U ġie ritenut, fil-kawża "Gollcher vs. Higgins" (App. 31 ta' Mejju 1948), illi dik ir-regola ma tkunx ġiet osservata meta jkun hemm nuqqas ta' notifika tal-konvenut għall-eżami tal-kotba ta' l-attur magħmul mill-espert ta' l-Emergency Compensation Board, li huwa tribunal speċjali bħall-Board li jirregola l-Kera. U jekk kien hemm fil-każ ċitat vjolazzjoni ta' dina r-regola fondamentali "audi alteram partem", dina r-regola tkun ġiet ugwalment vjolata jekk u meta l-membri tekniċi tal-Board li jirregola l-Kera jaċċedu għall-fond sabiex jispezzjonawh għall-finijiet tal-fissazzjoni tal-kera xieraq mingħajr ma tkun ġiet avżata waħda mill-partijiet sabiex tkun tista' tintervjeni ħalli jkollha l-opportunità u l-agju li tagħmel lil dawk il-membri tekniċi tal-Board l-osservazzjonijiet tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi ma kienetx ġiet infurmata bil-ġurnata meta l-membri tekniċi tal-Board fuq imsemmi kellhom jaċċedu għall-fond għall-finijiet fuq indikati, u li fil-fatt ma kienetx preżenti meta sar dak l-aċċess. L-iskrivan tal-Board xehed li kien kiteb lill-attriċi fejn indikalha dik il-ġurnata; iżda ndirizza l-ittra lid-difensur tagħha. Dan xehed li ittri simili ma rċeviex, u l-attriċi xehdet li ma ġietx infurmata bid-data ta' l-aċċess minn għand ħadd, u ma kienetx taf meta sar. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jingħad li hemm prova soddisfaċenti li l-attriċi ġiet avżata bil-jum ta' l-aċċess; u għalhekk, konformement għad-deċiżjonijiet fuq ċitati, kien hemm vjolazzjoni tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali konoxxut bil-kliem "audi alteram partem", u huwa kwindi l-każ li din il-Qorti tindaħal biex tissindaka d-deċiżjoni tal-Board fuq imsemmi fil-kawża fejn ġiet vjolata dik ir-regola; għaliex minn dik id-deċiżjoni ma hemmx appell statutorju, billi dan l-appell huwa ristrett biss għall-punti tad-dritt maqtugħin mill-Board f'dik id-deċiżjoni, li mhux il-każ in eżami;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi, fis-sens biss, iżda, li tiddikjara nulla d-deċiżjoni tal-Board fuq imsemmi li għaliha hemm riferenza fl-att taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż.

---